MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Lulju, 2019

Rikors Maħluf Numru 449/2017 LM

**Jade Farrugia (K.I. 234093M) u Sarah Maxine Farrugia (K.I. 316107L)**

***vs.***

**Victor Mifsud, Carmelo Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Mejju, 2017, mill-atturi **Jade Farrugia** (K.I. 234093M) u **Sarah Maxine Farrugia** (K.I. 316107L) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Jade Farrugia stess, li jgħid kif ġej:

*Illi nhar it-8 ta' Frar, 2015 hija kienet involuta f'inċident stradali waqt li kienet qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 393 ġewwa Triq il-Fortizza, Mosta;*

*Illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Victor Mifsud minħabba traskuraġni, imperizja u/jew nuqqas ta' ħarsien tar-regoli tas-sewqan waqt li kien qed isuq il-vettura VIC 990 li hija proprjetà tal-konvenut l-ieħor Carmelo Mifsud;*

*Illi bħala konsegwenza ta' tali inċident ir-rikorrenti sofrew danni finanzjarji kif ukoll danni fiżiċi u kosmetiċi minħabba ħsarat sostanzjali fil-vettura li ġiet reża 'total loss' u kif ukoll minħabba ġrieħi li sofriet l-esponenti Jade Farrugia liema ġrieħi għadhom evidenti sal-lum;*

*Illi minkejja li l-intimati ġew debitament interpellati kemm b'ittra legali kif ukoll b'ittra uffiċjali, huma baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Issib lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-inċident awtomobilistiku datat 8 ta' Frar, 2015 li seħħ ġewwa Triq il-Fortizza, Mosta bejn vettura JAD 393 misjuqa minn Jade Farrugia u l-vettura VIC 990 misjuqa minn Victor Mifsud;*

2. *Tillikwida d-danni kollha kemm dawk materjali kif ukoll fiżiċi u spejjeż oħra li sofriet kemm ir-rikorrenti Jade Farrugia kif ukoll ir-rikorrenti Sarah Anne Farrugia* (sic) *u dana jekk meħtieġ b'opera ta' periti nominandi kif jidhrilha l-Qorti;*

3. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni kollha hekk likwidati kif ukoll dawk l-ispejjeż li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati jew min minnhom, inkluż tal-ittra legali datata 26 ta' Frar, 2015 u tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Mejju, 2015 u bl-imgħax legali kalkolat mid-data tal-istess ittra uffiċjali jew kwalunkwe data oħra li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Victor Mifsud, Carmelo Mifsud** u **Laferla Insurance Agency Limited**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Ġunju, 2017, u maħlufa minn Mark Laferla (K.I. 392589M) in rappreżentanza ta' Laferla Insurance Agency Limited, fejn eċċepew:

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

2. *Illi la s-soċjetà konvenuta, Laferla Insurance Agency Limited, u lanqas l-intimat, Carmelo Mifsud, m'huma leġittimi kontradditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju in limine litis sabiex jiġu evitati spejjeż inutli, stante li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika, la kuntrattwali u lanqas naxxenti minn danni akwiljani, mal-attur;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi billi l-kolliżjoni mertu tal-kawża ġrat unikament minħabba t-tort u t-traskuraġni tas-sewwieq tal-vettura tal-atturi;*

4. *Illi għal kull buon fini jiġi rilevat illi l-esponenti ma ngħatawx l-opportunità sabiex jiskrutinizzaw il-claim tal-atturi qabel ma nfetħet il-kawża odjerna;*

5. *Salvi eċċezzjonijieet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' April, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fit-8 ta' Frar, 2015 seħħ inċident stradali fi Triq il-Fortizza, il-Mosta, bejn vettura proprjetà tal-attriċi Sarah Maxine Farrugia li kienet misjuqa minn bintha l-attriċi l-oħra Jade Farrugia u vettura misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud, liema inċident wassal biex iż-żewġ vetturi li kienu involuti f'kolliżjoni frontali, ġew iddikjarati *total loss.*

Il-konvenuti fir-risposta maħlufa tagħhom eċċepew li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li s-soċjetà assikuratriċi Laferla Insurance Agency Limited u Carmelo Mifsud li huwa s-sid tal-vettura involuta fl-inċident li kienet misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud, mhumiex leġittimi kontraditturi, u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Ġie eċċepit ukoll li l-inċident inkwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni tal-attriċi Jade Farrugia.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waħda mill-atturi, **Sarah Maxine Farrugia** fl-*affidavit*[1] qalet li fit-8 ta' Frar, 2015 meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija kienet riekba bħala passiġġiera fil-vettura tagħha, li kienet qiegħda tinstaq minn bintha Jade Farrugia. Huma kienu għaddejjin minn Triq il-Fortizza, l-Mosta meta kienu involuti f'kolliżjoni ma' vettura tal-għamla Nissan Qashqai proprjetà ta' Carmelo Mifsud, li fil-ħin tal-inċident kienet qiegħda tinstaq minn ibnu Victor Mifsud. Ix-xhud qalet li konsegwenza ta' dan l-inċident, bintha kellha tittieħed l-Isptar minħabba fin-natura tal-ġrieħi li sofriet, filwaqt li l-vettura kellha titneħħa minn fuq is-sit minn uffiċjali tat-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili, minħabba li din ma setgħetx tinstaq. L-attriċi Sarah Maxine Farrugia qalet li hi fetħet *claim* mas-soċjetà li hija assikurata magħha sabiex tirkupra l-ispejjeż sofferti fil-vettura tagħha, iżda s-soċjetà assikuratriċi Laferla Insurance Agency Limited irrifjutat li taċċetta r-responsabbilità f'isem l-assikurat tagħha u baqgħet issostni li l-inċident seħħ tort tal-attriċi Jade Farrugia. Żiedet tgħid li fil-21 ta' Ottubru, 2016, il-konvenut Victor Mifsud tressaq quddiem Qorti tal-

[1] *A fol.* 13 tal-proċess.

Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali, u minkejja li nstab ħati li kkawża l-ġrieħi sofferti minn bintha Jade Farrugia, il-konvenuti baqgħu jirrifjutaw li jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mill-atturi, u għalhekk hi ma kien baqgħalha l-ebda għażla ħlief li tniedi l-proċeduri odjerni. L-attriċi Sarah Maxine Farrugia spjegat kif il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 393 li kienet qiegħda tinstaq minn bintha, ġiet irmunkata lejn ir-residenza tal-atturi fil-Bidnija, fejn tħalliet mgħottija barra r-residenza tagħhom, minħabba li huma ngħataw parir li ma jbigħux u li bl-ebda mod ma jiddisponu mill-imsemmija vettura minħabba fil-proċeduri odjerni. L-attriċi Sarah Maxine Farrugia qalet imma li fit-22 ta' Frar, 2017 hija rċeviet żewġ ċitazzjonijiet li jammontaw għal €34.93 u €46.65, minħabba li ma kellhiex liċenzja mwaħħla mal-*windscreen,* u minħabba li l-vettura ma nżammitx fi stat tajjeb ta' tiswija. Żiedet tgħid li f'Marzu tal-2017, il-Kummissarju tal-Pulizija ħareġ Ordni għall-Qbid tal-imsemmija vettura, u hija ngħatat perijodu ta' ġimgħa biex tiddisponi minnha. Qalet li in vista ta' dan, il-vettura nbiegħet lil JAC Steel Limited għall-prezz ta' €250.

L-atturi ppreżentaw kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-imsemmi inċident[2], minn fejn tirriżulta stqarrija mogħtija minn Jade Farrugia ftit tal-minuti wara l-inċident, fejn din qalet li hija kienet qiegħda ssuq viċin il-pont tal-Mosta meta f'daqqa waħda l-vettura tal-konvenuti skiddjat u invadiet il-karreġġjata tagħha, bir-riżultat li kien hemm il-kolliżjoni. Ġew esebiti wkoll dokumenti rilaxxjati mill-Isptar Mater Dei rigward il-ġrieħi sostnuti mill-attriċi Jade Farrugia, li wara l-inċident kellha tittieħed l-Isptar għall-kura.[3]

[2] *A fol.* 15 tal-proċess.
[3] *A fol.* 23 tal-proċess.

L-atturi esebew ukoll sensiela ta' ritratti li juru l-ġrieħi sofferti mill-attriċi Jade Farrugia konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, kif ukoll il-ħsara mġarrba mill-vetturi involuti f'din il-kolliżjoni[4]; kopja tas-*survey report* maħruġ minn Laferla Insurance Agency Limited, minn fejn jirriżulta li l-vettura tal-attriċi ġiet iddikjarata *total loss*[5]; kopji taċ-ċitazzjonijiet li nħarġu fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 393[6]; u kopja taċ-ċertifikat li juri li l-vettura inkwistjoni ġiet distrutta wara li nbiegħet lil sid ta' *scrap yard*.[7]

L-attriċi **Jade Farrugia** fl-*affidavit* tagħha qalet[8] li dakinhar tal-inċident hi kienet qiegħda ssuq il-vettura tal-marka Chevrolet Spark, proprjetà ta' ommha, mid-direzzjoni tat-Telgħa t'Alla u Ommu lejn il-pont tal-Mosta, u dak il-ħin tal-inċident hi kienet qiegħda ssuq b'veloċità ta' madwar 60 kilometru fis-siegħa. Qalet li filwaqt li seħħ l-inċident, hija rat id-dawl ta' vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, li invadiet il-karreġġjata tagħha u baqgħet dieħla fiha. Jade Farrugia qalet li l-impatt kien *head-on* u kien qawwi tant li nfetħu l-*airbags* tal-vettura tagħha, u hi ġiet f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tieħu nifs minħabba fil-pressjoni kkawżata mill-*airbags.* Qalet li meta ppruvat timxi, ma kienx irnexxielha minħabba fil-ġrieħi li kellha f'saqajha. L-attriċi qalet li wara l-kolliżjoni l-konvenut Victor Mifsud mar jiġri fid-direzzjoni tagħha, jibki u jistaqsi "X'għamilt? X'għamilt?". Qalet li hi kellha ħruq mis-*seat belt* f'għonqha u f'ġenbejha, filwaqt li wiċċha kien mimli tbenġil. Ix-xhud żiedet li l-Pulizija waslu fuq il-post tal-inċident fi kwarta, għalkemm ma ttieħdu l-ebda ritratti tal-inċident. Jade Farrugia żiedet tgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident, iż-żewġ vetturi kellhom jiġu skrappjati. L-attriċi qalet li fuq il-post issejħet

[4] Ritratti *a fol.* 25 *et seq.* tal-proċess.
[5] *A fol.* 33 tal-proċess.
[6] *A fol.* 35 u 36 tal-proċess.
[7] *A fol.* 37 tal-proċess.
[8] *A fol.* 39 tal-proċess.

ambulanza li ħaditha l-Isptar, filwaqt li l-konvenut irrifjuta l-assistenza medika offruta lilu. Hekk kif waslet l-Isptar, ġie stabbilit li l-attriċi kellha bżonn il-punti, filwaqt li ngħatat il-krozzi biex tkun tista' timxi bihom fil-ġimgħat ta' wara. Żiedet tgħid li minkejja li kemm is-soċjetà li kien assikurat magħha l-konvenut kif ukoll il-konvenut irċevew ittri mill-avukat tagħha sabiex jassumu responsabbilità għall-inċident u jagħmlu tajjeb għad-danni kkaġunati minnhom, dawn l-ittri ġew injorati. Kompliet tgħid li fil-mument li fih seħħ l-impatt, il-vettura misjuqa mill-konvenut ma kinitx wieqfa, iżda kienet qiegħda tinstaq b'mod li invadiet il-karreġġjata tagħha u baqgħet dieħla fiha. Spjegat li t-triq fejn seħħ l-inċident hija pjuttost wiesgħa, u li kieku l-konvenut kien wieqaf bil-vettura tiegħu, kif qal, dan l-inċident ma kienx iseħħ. Hi spjegat id-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

> *"Mr. Mifsud lives at 19, Triq l-Għerien tal-Wied, Mosta (Dok. JF 18) and this means he was turning into the road which is parallel to the main road. Instead of stopping, indicating, and making sure the passage is clear before turning a sharp right and then sharp left, Mr. Mifsud simply drifted into my lane before even arriving at the junction with the scope of cutting across. The impact of our cars was in front of the bus stop on my side of the road."*

Ix-xhud qalet li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hi kellha żewġ impjiegi *part-time* minħabba li kienet qiegħda tfaddal sabiex tkun tista' tmur tistudja barra l-pajjiż, u hija kellha tibda l-istudji tagħha f'Università ta' Sardegna fit-2 ta' Marzu, 2015. Żiedet tgħid li minħabba fl-inċident hija baqgħet sal-aħħar mumenti ma tafx jekk setgħetx tmur għal dan il-proġett (ERASMUS) minħabba li ma setgħetx timxi mingħajr krozzi, u minkejja li hija ddeċidiet li ma tħallix dan l-inċident jirrovinalha l-pjanijiet tagħha li tmur tistudja barra, fl-ewwel ftit ġranet hi batiet ħafna minħabba li ma setgħetx timxi fit-tul jew titla' tlajja'. L-

istat finanzjarju tagħha wkoll ġie affettwat għax tilfet dħul mill-impjieg *part-time* tagħha għax-xahar ta' Frar, li inzerta kien ix-xahar ta' qabel kellha tagħmel żmien tistudja barra. L-attriċi Jade Farrugia qalet li hi wkoll żeffiena professjonali u għalliema taż-żfin kontemporanju u wara l-inċident għal żmien twil ħasbet li l-karriera tagħha taż-żfin kienet ser tintemm. Spjegat kif hija kellha tieqaf mit-taħriġ professjonali u mill-prestazzjonijiet li kienet tagħti għal perijodu ta' sena, u fil-preżent għadha tħossha muġugħa meta tagħmel ċerti movimenti. L-attriċi qalet li fit-8 ta' Ottubru, 2015 hija marret għal konsulta għand Mr Ray Debono, li kien ikkwantifika r-rata ta' diżabilità sofferta minnha fil-grad ta' 5%, u kien anki infurmaha li kien ser ikollha bżonn *scar revision surgery* li tiswa €600. L-attriċi Jade Farrugia qalet li b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Ottubru, 2016, il-konvenut Victor Mifsud instab ħati li kkaġuna ġrieħi fuq il-persuna tagħha, iżda minkejja dan il-konvenuti xorta waħda baqgħu m'assumewx ir-responsabbilità għall-inċident u għad-danni sofferti mill-atturi.

L-attriċi Jade Farrugia ppreżentat kopja ta' ritratt meħud mill-ajru sabiex tindika l-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni[9]; kopja tar-rapport tal-Pulizija in segwitu għall-inċident[10]; kopji ta' ittri li l-avukat difensur tal-attriċi bagħat lill-konvenuti qabel inbdew dawn il-proċeduri[11]; *screenshots* meħuda minn fuq sit soċjali li juru kummenti li ħalla l-konvenut fuq is-sit soċjali Facebook ftit sigħat qabel seħħ l-inċident[12]; kopji tal-*pay slips* tal-impjiegi *part-time* li kienet tagħmel l-attriċi[13]; kopja tar-rapport mediku mħejji mill-konsulent Mr Raymond Debono, fejn ġie stabbilit li hija ser tibqa' tbati minn debilità

[9] *A fol.* 43 tal-proċess.
[10] *A fol.* 45 tal-proċess.
[11] A fol. 61 tal-proċess.
[12] *A fol.* 68 tal-proċess.
[13] *A fol.* 71 tal-proċess.

permanenti fil-grad ta' 5% konsegwenza l-inċident inkwistjoni[14]; u numru ta' rċevuti għal ħlasijiet li hija kellha tagħmel konsegwenza tal-inċident. Mir-rapport mediku esebit mill-attriċi jirriżulta wkoll li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attriċi kienet studenta tal-arkitettura.

Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 xehed **Dr Matthew Ellul**[15], li qal li kien hu li eżamina lill-attriċi fis-siegħa ta' filgħodu tad-9 ta' Frar 2015 wara l-inċident awtomobilistiku inkwistjoni, u kien ikkonstata li l-attriċi kienet qiegħda ssofri minn:

> *"Five centimetre laceration centerior aspect of the left knee. Bruised left upper eye lid, two centimetre by centimetre abrasion right chest, anterior to first rib and superficial abrasion and interior abdomen ..."*

Fl-istess udjenza xehed il-**PC 616 Russell Spiteri**[16], li qal fit-8 ta' Frar, 2015 hu kien xogħol l-għassa tal-Mosta, meta għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' billejl, il-Pulizija rċeviet informazzjoni li kien hemm kolliżjoni fi Triq il-Fortizza. Qal li hu mar fuq il-post flimkien ma' Pulizija mill-għassa tan-Naxxar, fejn sab il-vetturi maħbutin u xi debris fit-triq. Ix-xhud qal li dakinhar ma ttiħdux ritratti fuq il-post, iżda ttieħdu qisien.

Fl-istess udjenza xehed ukoll il-**PC 924 Peter Mifsud**[17], li kkonferma r-rapport tal-Pulizija fir-rigward ta' dan l-inċident, u qal li meta waslet il-Pulizija fuq il-post kien hemm ammont ta' debris, kien id-dlam, u kienet nieżla x-xita. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jara fuq il-post, il-vettura tal-attriċi kienet sejra mid-direzzjoni tan-Naxxar lejn il-Mosta, u li din waqfet ma' *bus stop.*

---

[14] *A fol.* 76 tal-proċess.
[15] *A fol.* 87 tal-proċess.
[16] A fol. 89 tal-proċess.
[17] A fol. 92 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2018 xehed il-kirurgu **Mr Ray Debono**[18], li qal li l-attriċi Jade Farrugia għandha ċikatriċi ta' seba' ċentimetri b'sitt millimetri fuq ir-riġel tax-xellug, li qiegħda timpediha f'attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum. Ix-xhud qal li wara li eżamina lill-attriċi, ikkonkluda li din qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' 5%. Żied jispjega li d-debilità permanenti ta' 5% tista' titnaqqas b'perċentwal wieħed jew tnejn jekk l-attriċi tagħżel li tagħmel intervent kirurġiku, filwaqt li qal li l-intervent kirurġiku jista' biss itejjeb id-dehra iżda mhux l-uġigħ li qiegħda ssofri l-attriċi.

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 xehed Il-konvenut **Victor Mifsud**[19], li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien qiegħed isuq vettura tat-tip Nissan Qashqai mid-direzzjoni tal-pont tal-Mosta sabiex jidħol fl-inħawi ta' Santa Margerita, u fil-ħin tal-impatt hu kien wieqaf sabiex jikser 'il ġewwa. Qal li dak il-ħin kien id-dlam u kienet nieżla x-xita, għalkemm id-dwal tal-vettura tiegħu kienu mixgħulin. Qal li l-manuvra li ried jagħmel kienet li min-naħa tax-xellug tat-triq jaqsam lejn il-lemin, u biex qasam hu kien xegħel l-*indicator.* Żied jgħid li hu kien ilu ftit li induna bil-vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, u kien għalhekk li waqaf. Spjega wkoll li l-post fejn seħħ l-impatt qiegħed f'liwja. Il-konvenut baqa' jsostni li fil-mument meta seħħ l-impatt, hu kien wieqaf.

Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami tal-attriċi **Jade Farrugia**[20], li qalet li fil-ħin meta seħħ l-inċident hija kienet għaddejja b'veloċità ta' madwar ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa, meta f'daqqa waħda l-vettura misjuqa mill-konvenut invadiet il-karreġġjata tagħha u baqgħet dieħla fiha. Żiedet tgħid li dak il-ħin hi ma setgħetx twaqqaf il-vettura

[18] *A fol.* 105 tal-proċess.
[19] *A fol.* 113 tal-proċess.
[20] *A fol.* 122 tal-proċess.

tagħha. Qalet li hekk kif waslet fil-liwja, indunat bil-vettura ġejja mid-direzzjoni opposta, u minkejja li dak il-ħin il-konvenut kien qiegħed isuq fil-karreġġjata tiegħu, wara ftit mumenti ratu jiġbed għall-karreġġjata tagħha, skiddja u baqa' dieħel fiha. Ix-xhud qalet li l-vettura tal-konvenut kien fiha d-doppju mid-daqs tal-vettura tagħha, u għalhekk kien impossibbli għaliha li b'xi mod timbuttah. Żiedet tispjega li minkejja li wara l-inċident iż-żewġ vetturi waqfu u ma mxewx aktar. Madanakollu ma jistax ikun li fil-ħin tal-inċident il-vettura tal-konvenut kienet wieqfa, għaliex li kieku dan kien il-każ, il-vettura misjuqa minnha kienet timxi 'l quddiem mal-impatt. Ix-xhud qalet li hi għadha tbati minn uġigħ meta tilwi saqajha u fi ġranet b'ħafna umdità. Anki d-dehra tal-ġrieħi taffettwawlha ħajjitha, speċjalment minħabba li hija żeffiena professjonali.

Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019 xehed **Mark Laferla**[21], li qal li hu direttur tas-soċjetà konvenuta Laferla Insurance Agency Limited. Qal li mill-konstatazzjonijiet tiegħu, il-valur tal-vettura misjuqa mill-attriċi kien ta' €6,000 qabel l-inċident, u meta ġie stabbilit li din kienet *total loss,* u li l-valur tal-materjal li ġie skrappjat kien ta' €500, il-valur rimanenti tal-vettura kien ta' €5,500. Ix-xhud qal li l-valur ta' €6,000 kien ġie stabbilit mis-*surveyor* imqabbad mis-soċjetà assikuratriċi, ċertu Mario Cumbo. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm terza persuna li wriet interess li takkwista l-*wreckage* għall-prezz ta' €500. Ix-xhud ikkonferma li s-*surveyor* ma kienx ra l-vettura inkwistjoni qabel il-ħabta, iżda kien ra biss wara.

[21] *A fol.* 128 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019 xehed **PC 616 Russell Spiteri** in kontroeżami[22], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu mar fuq il-post u sab ħafna debris. Ix-xhud qal li dan il-materjal kien mifrux maż-żewġ naħat tat-triq.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami tal-**PC 924 Peter Mifsud**[23], li iżda ma setax jikkonferma jekk id-debris kienx mifrux maż-żewġ naħat tat-triq, minħabba li kien id-dlam. Ix-xhud qal ukoll li l-Pulizija ma setgħetx tistabbilixxi kienx hemm *brake marks* fit-triq minħabba li l-art kienet imxarrba.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident *de quo*. Il-Qorti tibda biex tirrimarka li kieku l-fatti tassew seħħew kif iddeskriviehom il-konvenut Victor Mifsud, dan l-inċident ma kienx iseħħ. Dan qiegħed jintqal in vista tad-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Mifsud li ripetutament qal li fil-ħin li fih seħħ l-inċident hu kien wieqaf jistenna sabiex mill-karreġġjata tan-naħa tax-xellug jikser fuq il-lemin tat-triq, minn fejn seta' jaċċedi għar-residenza tiegħu. Iżda r-realtà hija ferm 'il bogħod mix-xenarju li pprova jpinġi l-konvenut Victor Mifsud, għax mhux biss konsegwenza tal-impatt frontali li seħħ iż-żewġ vetturi involuti spiċċaw iddikjarati *total loss,* imma b'riżultat ukoll tal-inċident l-attriċi Jade Farrugia baqgħet issofri minn debilità permanenti li għadha taffettwaha fil-ħajja tagħha ta' kuljum.

[22] *A fol.* 136 tal-proċess.
[23] *A fol.* 138 tal-proċess.

Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-impatt seħħ fil-karreġġjata li kienet fiha l-attriċi Jade Farrugia, li kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Chevrolet Spark, li hi ferm iżgħar mid-daqs tal-vettura misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud tal-għamla Nissan Qashqai. L-impatt li seħħ bejn il-vetturi kien tant kbir, li l-*airbags* tal-vettura tal-attriċi nfetħu kollha. Jirriżulta wkoll li minkejja li kien hemm *debris* u materjal imxerred maż-żewġ naħat tat-triq, iż-żewġ vetturi spiċċaw maħbutin fil-karreġġjata li kienet għaddejja minnha l-attriċi, f'parti tat-triq fejn mal-ġenb hemm *bus stop.*

Il-Qorti tqis li hija ferm aktar verosimili l-verżjoni mogħtija mill-attriċi li kien il-konvenut li invada l-karreġġjata tagħha u baqa' dieħel fiha meta tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u skiddja. Il-Qorti hi ben konxja tal-fatt li t-triq fil-ħin tal-inċident kienet mudlama u mxarrba minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp. Iżda l-ħsara sofferta miż-żewġ vetturi tindika li l-impatt seħħ għax iż-żewġ vetturi kienu jinsabu mexjin, u għal xi raġuni l-konvenut, minflok stenna lill-attriċi tgħaddi bil-vettura tagħha qabel jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq, dan qabad u qasam bl-iskop li jiġi parallel mas-*service road* fejn joqgħod. Bir-riżultat li l-konvenut baqa' dieħel fil-vettura tal-atturi, li hija ferm iżgħar bħala daqs mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Il-Qorti tqis li l-konsegwenzi li ħalla l-inċident inkwistjoni, huma minnhom infushom il-prova oġġettiva li għandha bżonn biex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar min mill-partijiet għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut.

Il-Qorti tirrileva li mhux kkontestat mill-ebda waħda mill-partijiet li l-attriċi dejjem baqgħet issuq fil-karreġġjata tagħha, u minkejja li kienet qiegħda ssuq b'ċerta veloċità, lanqas ma jista' jintqal li din kienet qiegħda teċċedi l-limiti tal-veloċità stabbiliti għall-inħawi fejn seħħ l-inċident. Il-verżjoni mogħtija mill-

konvenut Victor Mifsud, li qal li fil-ħin meta seħħ l-impatt huwa kien wieqaf, ma tantx hija verosimili, għax kieku dan kien minnu l-vettura tiegħu ma kinitx tispiċċa tinvadi l-karreġġjata tal-attriċi, u l-impatt lanqas ma kien iseħħ daqstant viċin il-*bus stop* li hemm mal-ġenb tat-triq, kif jidher ċar anki mill-iskizz esebit *a fol.* 21 tal-proċess. Barra minn hekk in-natura tal-ħsarat sostnuti miż-żewġ vetturi tindika li fil-ħin tal-impatt iż-żewġ vetturi kienu mixjin, u l-veloċità li kien miexi biha l-konvenut Victor Mifsud kienet tant kbira, li mal-impatt il-vettura tiegħu resqet lura għal ċerta distanza.

F'dan il-punt il-Qorti sejra tindirizza t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti dwar jekk Laferla Insurance Agency Limited u Carmelo Mifsud, sid il-vettura li fil-ħin tal-inċident kienet misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud, għandhomx jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Irid jintqal li ladarba l-vettura misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud kienet assikurata mas-soċjetà Laferla Insurance Agency Limited, din is-soċjetà ma tistax tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju anki minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Imma peress li Carmelo Mifsud ma kienx qiegħed isuq il-vettura hu fil-ħin tal-inċident inkwistjoni, u ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika, kuntrattwali jew naxxenti minn danni akwiljani mal-atturi, il-Qorti tqis li dan għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

Jifdal għalhekk li tiġi indirizzata t-talba tal-atturi għal-likwidazzjoni tad-danni kemm materjali kif ukoll dawk konsistenti f'telf ta' qligħ futur, sofferti minnhom.

*Damnum Emergens*:

Skont il-provi prodotti mill-atturi, l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet assigurata għall-valur dikjarat ta' €7,500[24], u li minnhom irid jinqata' l-ammont ta' €250 li tħallsu minn JAC Steel Limited għar-*wreck*.[25] Il-konvenuti talbu li jsir tnaqqis f'din il-valutazzjoni minħabba li skont *surveyor* maħtur mis-soċjetà konvenuta, il-valur tal-vettura inkwistjoni kien ta' €6,000 qabel l-inċident, u għax skont huma, kien hemm terz li kien dispost iħallas l-ammont ta' €500 għax-xiri tar-*wreck* tal-vettura. Fin-nuqqas tal-atturi li ma ppreżentawx stima ta' *surveyor* tal-valur tal-vettura inkwistjoni qabel l-inċident, il-Qorti ser tieħu l-istima ppreżentata mill-konvenuti ta' €6,000 għall-finijiet tal-komputazzjoni tagħha, minn liema stima jrid jitnaqqas il-valur tar-*wreck* tal-vettura li nbiegħ għall-prezz ta' €250. Jirriżulta wkoll li sabiex il-vettura ġiet irmunkata lejn id-dar tal-attriċi, kellu jitħallas l-ammont ta' €70[26], u li sakemm il-vettura kienet quddiem id-dar tal-atturi, inħarġu ċitazzjonijiet fl-ammont ta' €81.59 fuq din il-vettura.[27] L-attriċi ħallset ukoll l-ammont ta' €225 għar-rapport mediku mħejji mill-espert mediku *ex-parte* Mr Ray Debono[28], u €40 għax-xiri ta' *cover* tal-karozza[29] għaż-żmien li din tħalliet barra.

Mill-provi rriżulta wkoll li l-attriċi aktarx li ser ikollu bżonn *scar revision surgery,* li skont l-attriċi tiswa madwar €600, iżda ma nġabet l-ebda prova li l-attriċi hi interessata li tissottometti ruħha għal dan l-intervent, jew li tiswa daqshekk, u għalhekk il-Qorti mhix ser tinkludi dan l-ammont fil-komputazzjoni tagħha. Lanqas mhi ser tittieħed konsiderazzjoni tal-ammont

[24] *A fol.* 33 tal-proċess.
[25] *A fol.* 37 tal-proċess.
[26] *A fol.* 27 tal-proċess.
[27] *A fol.* 35 u 36 tal-proċess.
[28] *A fol.* 79 tal-proċess.
[29] *A fol.* 80 tal-proċess.

ta' dħul li l-attriċi kienet tipperċepixxi mill-impjieg *part-time* li kellha stante li minn imkien ma jirriżulta li hi attwalment tilfet xi dħul fil-ġranet meta ma setgħetx tidħol xogħol minħabba fl-inċident li kellha.

Id-danni materjali sofferti mill-attriċi Sarah Maxine Farrugia b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża għalhekk huma fis-somma ta' €5,941.59, filwaqt li d-danni materjali sofferti mill-attriċi Jade Farrugia huma fis-somma ta' €225.

*Lucrum Cessans*:

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[30], intqal:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[30] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[31], intqal illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tnejn u għoxrin (22) sena, li hija l-età li kellha l-attriċi fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 35. Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 35 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attriċi, u tenur kont il-fatt li persuna fl-età tagħha trid taħdem almenu sakemm ikollha 65 sena biex tilħaq l-età tal-irtirar.

F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[32]:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **<u>Butler vs Heard</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...

[31] P.A., 27.04.2005.
[32] P.A., 10.05.2005.

> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku *ex-parte* Mr Ray Debono li l-attriċi Jade Farrugia ser tibqa' ssofri minn debilità permanenti fil-grad ta' 5%, u minkejja li hemm intervent kirurġiku li jista' jsir, dan ikun effettiv biss sabiex jindirizza l-aspett kożmetiku tal-ġrieħi sostnuti mill-attriċi Jade Farrugia, u mhux biex ifejjaq l-uġigħ u l-limitazzjonijiet l-oħra li din qiegħda tesperjenza wara l-inċident. Mr Ray Debono qal li bl-intervent kirurġiku li jista' jsir fuq l-attriċi Jade Farrugia, id-debilità permanenti tista' titnaqqas b'perċentwal wieħed jew tnejn jekk l-attriċi tagħżel li tagħmel dan l-intervent kirurġiku. Il-Qorti għalhekk sejra tadotta r-rata ta' debilità permanenti ta' 4% kif stabbilit mill-espert mediku Mr Ray Debono.

L-inċident inkwistjoni seħħ fis-sena 2015, u dak iż-żmien l-attriċi Jade Farrugia qalet li kienet studenta tal-arkitettura fl-Università, bi prospetti ta' impjieg tajbin ħafna, filwaqt li sabiex tgħin ruħha fis-snin li fihom kienet qiegħda tistudja, l-attriċi qalet li kienet tagħmel żewġ impjiegi fuq bażi *part-time,* wieħed minnhom bħala għalliema taż-żfin. Id-dħul tal-attriċi minn dawn l-impjiegi li kienet tagħmel kien wieħed pjuttost baxx u għandu jingħad ukoll li ma nġabet l-ebda prova mill-attriċi Jade Farrugia li tindika b'mod preċiż id-dhul tagħha f'dak il-perijodu. Għalhekk il-Qorti tqis li jkun ġust li bħala salarju bażiku li fuqha tinħadem il-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur, jintuża l-kejl

tal-paga minima nazzjonali fis-sena 2015, li kienet tammonta għal €8,645.52 gross[33], u meta minnha jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali din kienet tammonta għal €7,780.97. Dan is-salarju jrid jiġi aġġustat għall-għoli tal-ħajja[34] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €7,780.97 + €10,395.38 / 2 = €9,088.17. Huwa dan id-dħul bażiku li ser qed ikun jintuża mill-Qorti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* li sejra tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'dawk il-każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata il-kawża u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2017, u ser tiġi deċiża ftit anqas minn sentejn wara li kien hemm l-ewwel udjenza, filwaqt li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar ta' xi parti jew oħra.

Id-dħul medju ta' €9,088.17 x *multiplier* ta' 35, x 4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €12,723.44 li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €10,178.75. Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti li għandu jitħallas lill-attriċi Jade Farrugia flimkien mas-somma ta' €225 rappreżentanti id-danni materjali sofferti minnha, sabiex

---

[33] S.L. 452.71.

[34] F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

b'hekk il-kumpens totali li l-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited għandhom iħallsu *in solidum* bejniethom lill-attriċi Jade Farrugia b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni huwa ta' €10,403.75, filwaqt li l-kumpens li l-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited għandhom iħallsu *in solidum* bejniethom lill-attriċi Sarah Maxine Farrugia huwa ta' €5,941.59.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, u tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti limitatament sa fejn qiegħed jiġi dikjarat li l-konvenut Carmelo Mifsud għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tiddikjara li l-konvenut Victor Mifsud għandu jinżamm responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-8 ta' Frar, 2015 ġewwa Triq il-Fortizza, Mosta bejn il-vettura JAD 393 misjuqa mill-attriċi Jade Farrugia u l-vettura VIC 990 misjuqa mill-konvenut Victor Mifsud;**

3. **Tillikwida d-danni kollha li għandhom jitħallsu mill-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited *in solidum* bejniethom lill-attriċi Sarah Maxine Farrugia fis-somma ta' ħamest elef, disa' mija u wieħed u erbgħin Euro u disa' u ħamsin ċentežmu (€5,941.59);**

4. **Tillikwida d-danni kollha li għandhom jitħallsu mill-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited *in solidum* bejniethom lill-attriċi Jade Farrugia fis-somma ta' għaxart elef, erba' mija u tliet Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€10,403.75);**

5. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited iħallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti Victor Mifsud u Laferla Insurance Agency Limited *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.